**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 2263** **12. 10. 2012**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), bħala prekawzjoni, il-frieket tal-plastik hawn taħt imsemmija m'għandhomx jiġu użati minħabba migrazzjoni totali (overall total migration) tal-materjal tal-plastik għal mal-ikel.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott** | Posate in Plastica |
| **Ditta:** | Casa – Linea Coccinella |
| **Kwantita':** | 30 pezzi |
| **Ppakjat ġewwa:** | Italja |
| **Oriġini:** | Ċina |
| **Barcode:** | 8027501359446 |








**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Il-Kumpanija involuta ġiet obbligata tirtira din il-konsenja mis-suq, iżda peress li xi kwantità laħqet inbiegħet lill-konsumatur, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mis-8:00 ta' filgħodu sat-3:00 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Triq il-Ferrovija, Santa Venera.

Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.